MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

# IS-SEBGĦA LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 45

I-Erbgħa, 23 ta' Jannar, 2019

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 22A, Triq id-Duluri, fl-15:00.

PREŻENTI:

Noel Formosa – Sindku
Anthony Formosa– Viċi Sindku
Franco Buhagiar– Kunsillier
Joseph Cauchi – Kunsillier
Carmela Grima – Kunsillier

Etienne Cauchi – Ambaxxatur taż-żgħażagħ

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Sarah Formosa – Segretarju Eżekuttiv

## 45.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

45.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

45.1.2 Is-SE ippreżentat il-minuti tal-laqgħa numru 43 miktuba fuq parir tal-avukat tad-Diparment tal-Gvern Lokali.

45.1.3 Il-minuti numru 43 u 44 kienu approvati u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

## 45.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;

45.2.1 Is-Sindku ta merħba lill-ambaxxatur ġdid Etienne Cauchi. Is-Sindku esprima l-fiduċja tiegħu li għalih din ser tkun esperjenza li tgħinu fil-futur u anke li ż-żgħażagħ ser jibbenifikaw mill-preżenza tiegħu fil-Kunsill.

45.2.2 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Perit tal-Kunsill, Mario Cordina ma marx għas-sitting tal-każ PA/10050/18 kif kien mitlub minnu. Il-Kunsill qabel li għandha tintbgħat ittra biex turi d-diżappuntat tal-Kunsill għal dan in-nuqqas.

45.2.3 Is-Sindku qal li rigward is-sadid tar-railings tal-Belvedere Colle Umberto, il-kuntrattur għadu ma qalx x'se jkun il-pass li jmiss. Sar qbil biex nerġgħu infakkruħ.Is-Sindku ssuġerrixxa li għandna nsaqqsu lill-Avukat tal-Kunsill biex jikteb uffiċjalment lill-Kuntrattur. Kien hemm qbil.

45.2.4 Is-Sindku qal fejn ikun hemm l-open skip, tkun idea tajba li ssir tabella fejn jingħad li dan għandu jintuża biss minn residenti minn San Lawrenz, ma jistax jintrema materjal tal-kostruzzjoni u anqas affarijiet relatiati mal-WEEE (waste electrical and electronic equipment). Il-Kunsill qabel.

45.2.5 Is-Sindku ressaq il-proposta lil Kunsill tal-Europe for Citizens 2019 u l-Kunsill qabel.

45.2.6 Is-Sindku qal hemm invit minn partners barranin sabiex nieħdu sehem fil-proġett: Interreg MED, S.O. 3.1 Sustainable Tourism focusing on insularity and low density area", priority axis n° 3 "Protecting and promoting Mediterranean natural and cultural resources". Is-Sindku kompla jgħid li b'dan il-proġett ikollna l-opportunita' li nżidu t-turiżmu lejn id-Dwejra bi proposti sostennibbli. Il-Kunsill qabel li għandna nieħdu sehem.

45.2.7 Is-SE saqsiet x'ser isir rigward il-pagament pendenti tal-Gozo Action Group Foundation. Sar qbil li għalissa jitħallas €200.00 biss għas-sena 2018 u €50.00 fix-xaħar għas-sena 2019.

45.2.8 Is-SE qalet li kellna korrispondenza Mons. Bezzina li huwa c-chairperson tal-Kumitat tal-Ismijiet tat-Toroq. Hu issuġerixxa li l-isem tat-triq li proponejna jiġi: Triq it-Tieqa tad-Dwejra, 8 ta' Marzu 2017. Il-Kunsill qabel.

45.2.9 Is-Sindku qal li kien hemm żewġ inċidenti fil-Pjazza fejn xi ħadd daħal fil-bollard b'konsegwenza li din tgħawwġet. L-ewwel inċident min ħabat fihom ma ġiex identifikat filwaqt li t-tieni ġie jirraporta l-Kunsill u offra li jirranġaha jew jagħmel waħda ġdida. Il-Kunsill qabel li jordna l-oħra.

45.2.10 Is-SE qalet li ltaqgħa l-bord tat-tender tal-Fully Electric Vehicle u Roadworks in Triq il-Wileġ.

Il-bord tal-Fully Electric Vehicle irrimarka li l-ebda offerta ma kienet valida.

Il-bord tat-tender Roadworks in Triq il-Wileġ, irrimarka żewġ offeri:

Road Construction Co. Ltd - € 5912.00
Gatt Tarmac Ltd - € 8351.28

Peress li l-offerta tar-Road Construction hi waħda valida u l-irħas, l-bord irrakomanda din l-offerta. Il-Kunsill qabel.

## 45.3 Tweġibiet għall-Mistoqsjiet tal-Kunsillieri;

45.3.1 Is-SE irrimarkat li ma kienx hemm mistoqsijiet mill-kunsillieri.

## 45.4 Manutenzjoni tal-Pjazza;

45.4.1 Is-Sindku qal li iltaqa' mal-Kuntrattur u qallu li hemm bżonn ssir manutenzjoni fil-Pjazza mill-iktar fis. Is-Sindku qal li peress li l-qagħda finanzarja preżenti m'hiex waħda tajba, qed jitlob lil kuntrattur għall-stima oħra b'xogħolijiet essenzjali. Il-Kunsill qabel.

## 45.5 Karnival 2019;

45.5.1 Wara diskussjoni sar qbil li l-Karnival f'San Lawrenz isir nhar il-Ħadd 3 ta' Marzu wara nofsinhar bil-parteċipanti ta' San Lawrenz li se jagħtu prestenazzjoni ta' *Hilarious* u anke tal-kumettiva

## 45.6 Fully Electric Vehicle;

45.6.1 Is-Sindku qal li peress l-ebda offerta ma kienet valida għat-tender tal-Fully Electric Vehicle, ikun għaqli li napplikaw sabiex nixtru l-vettura b'direct order għaliex hemm ċans li jintilfu l-fondi. Il-Kunsill qabel.

45.6.2 Mad-direct order sar qbil li napplikaw bi stima ta' karozza mingħand Galea General Services Ltd għall-prezz ta' €33,000 (Vat inkluż).

## 45.7 Updates tal-Proġetti;

45.7.1 Is-Sindku qal li rigward Triq Wied il-Merill tal-Measure 4.3, kien hemm xi xogħoljiet li kellhom isiru bilfors, bħal open water culvert, pero meta tlabna għall-dawn l-ispejjeż żejda lill-Managing Authority, l-awtorita' ma laqgħetx it-talba. Is-SE qalet li qed taħdem mal-Perit biex joġġezzjonaw din id-deċiżjoni għaliex se tkun ta' detriment fuq il-finanzji tal-Kunsill.

45.7.2 Il-Kunsillier Carmela Grima qalet li fit-Triq il-Qasam hemm bżonn li jitranġa lqugħ tal-ilma u għandu jkun parti mill-proġett tal-M4.3. Is-SE qalet li dan ma neħdux funding tiegħu u fakkret fis-sitwazzjoni finanzjarja prekarja preżenti fejn diġa se jintafqu spejjeż mhux previsti għall-Triq Wied il-Merill. Il-Kunsill qabel li jekk ikun hemm xogħol li jrid isir bilfors nqabbdu l-ħaddiem tal-Kunsill sabiex ma titlax l-ispiża, fejn ikun possibbli

45.7.3 Is-Sindku informa li Triq Wied Ġonu tlestiet.

45.7.4 Is-Sindku informa rigward Triq Wied Merill, il-Wileġ u Triq id-Duluri l-kuntrattur infurmaħ li se jibda l-ġimgħa d-dieħla.

45.7.4 Is-Sindku informa li kontinwament qed nibgħatu reminders lil WSC sabiex jibgħatu l-istimi li għad-fadal biex jinħadem it-tender document, ta' Triq Wied Merill (parti sħiħa), Triq il-Ġebla tal-Ġeneral u Triq San Lawrenz

## 45.8 25 Sena mit-Twaqqif tal-Kunsill Lokali ta' San Lawrenz;

45.8.1 Is-Sindku qal li peress fis-sena 2019, il-Kunsill ta' San Lawrenz jagħlaq 25 sena mit-twaqqif tiegħu, ikun xieraq li ssir xi ċelebrazzjoni. Sar qbil li nagħmlu serata taċ-ċelebrazzjoni fejn ser tiġi diskussa iktar il-quddiem.

## 45.9 Futbol Tournament Ġunju 2019;

45.9.1 Is-Sindku qal li kellu korrispondenza dwar il-futbol turnament fejn qalulu li dawn jistgħu jiġu bejn 29 ta' Mejju – 2 ta' Ġunju. Bħala pajjiżi ikkonfermaw li se jattendu ta' Colle Umberto, Croatia u Franza. Għall-akkomodazzjoni saru xi kwotazzjonijiet u sar qbil li noffrulhom sabiex joqgħodu d-Downtown peress li l-aħjar offerta.

## 45.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

45.10.1 Il-Kunsill approva l-lista ta' pagamenti kif preżentati mis-SE.

## 45.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

45.11.1 Il-laqgħa intemmet fl-16:00 u ġiet aġġornata għall-14 ta' Frar 2019 fl-10:00.

(IFFIRMATA)
Noel Formosa
Sindku

(IFFIRMATA)
Sarah Formosa
Segretarju Eżekuttiv